MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 25/2010

Mary Carmen sive Marlene Sciberras

vs

Anthony Muscat

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-25 ta' Gunju 2010, li jaqra hekk :-

'Illi in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit tad-9 ta' Novembru 2007, il-partijiet isseparaw, u *inter alia* KIENU ftiehemu li l-konvenut ried ihallas €349.40 (gia' Lm150) fix-xahar bhala manteniment – Dok.A ;

Illi hija dovuta s-somma ta' €2096.40 bhala manteniment ghal Mejju u Novembru 2008 ; U Frar, Settembru, Novembru, u Dicembru 2009 ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas €2096.40 kif fuq premess bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap.12 numru 499/09.' ;

Il-konvenuti permezz tar-risposta tieghu pprezentata fil-10 ta' Settembru 2010, eccepixxa :-

' 1. Illi l-ammont allegatament dovut m'huwiex fil-fatt dovut kif sa jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' din it-talba ;

2. Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.' ;

Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2010, l-konvenut eccepixxa ulterjorment illi l-attrici ghandha tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri li saru inutilment stante illi d-debitu allegat huwa manteniment naxxenti minn kuntratt pubbliku li fih innifsu huwa titlolu ezekuttiv u esegwibbli skond il-ligi.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra n-noti rispettivi tal-partijiet tal-10 ta' Dicembru 2010 u tal-15 ta' Dicembru 2010, fejn iddikjaraw li ma kienx baqghalhom provi aktar x'iressqu anke' fil-meritu ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza mhux biss dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, izda anke' fil-meritu ;

Ikkunsidra :

Dan it-Tribunal sejjer l-ewwel jiddisponi mill-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Anthony Muscat li giet minnu sollevata fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2010 ;

Bejn il-partijiet kien sar kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Christian Zammit debitament iffirmat fid-9 ta' Novembru 2007, fejn fost hwejjeg ohra l-konvenut kien

intrabat li jhallas lill-attrici l-pagament mensili ta’ mija u hamsin lira Maltin fix-xahar, illum ekwivalenti ghal tliet mija u disa’ u erbghin Euro u erbghin centezmi (€349.40), f’manteniment ghat-tliet ulied minuri Kenneth, Leanne, u Josef ;

Il-konvenut jikkontendi li l-ammont li qed titlob martu fi hlas ta’ manteniment ghax-xhur imsemmija fl-avviz tat-talba mhuwiex dovut stante li dan jinsab pienament imhallas. Fl-istess waqt pero’ jikkontendi wkoll li martu ma kelliex ghalfejn tirrikorri ghall-proceduri odjerni u saru spejjez inutilment billi l-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom jikkostitwixxi titolu esekuttiv, u li l-attrici setghet tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-kreditu minnha pretis b’wiehed jew aktar mill-atti esekuttivi kontemplati taht l-artikolu 273 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

L-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li :

253. Huma titoli esekuttivi ……. (b) il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta’ Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f’esekuzzjoni ta’ fatt ;

Dan it-Tribunal ma jqisx li l-kuntratt li sar bejn il-partijiet jinkwadra ruhhu taht id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu. Mhux kontestat li l-kuntratt in kwistjoni gie ricevut minn Nutar Pubbliku. Lanqas ma hemm dubbju li dana ma jittrattax dwar l-esekuzzjoni ta’ fatt. Huwa mehtieg li l-ammont irid ikun cert, likwidu, u definittivament dovut. Wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-meritu hija proprju li l-ammont minnha pretis mhuwiex fil-fatt dovut. Il-Qrati taghna dejjem irritjenew in-necessita’ ta’ procedura b’citazzjoni ghall-istabbiliment tal-ammont effettivament dovut. F’dan il-kaz kien qed jigi kkontestat l-ammont mitlub kif jirrizulta minn nota tal-konvenut tat-23 ta’ Lulju 2009 a fol.79 tal-process li saret in oppozizzjoni ghall-ittra ufficjali tal-attrici tas-17 ta’ Lulju 2009 (Ittra numru 499/09). Lanqas ghalhekk l-attrici ma setghet tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-kreditu fit-termini tal-artikoli 256(2) jew

166A tal-Kap.12, u ghalhekk kien necessarju l-procediment isir permezz ta’ avviz ghall-accertament jekk fil-fatt l-ammont mitlub mill-attrici ghax-xhur imsemmija kienx effettivament dovut jew le ;

Inghad li anke’ fejn kreditur gia’ ghandu titolu ezekuttiv ma hemmx bzonn ta’ titolu ezekuttiv iehor biex jezegwixxi l-kreditu tieghu. B’danakollu xorta wahda ‘*ma hemm ebda ostakolu ghad-domanda tal-kreditur ghal dik il-kanonizzazzjoni, ghalkemm huwa jkollu ga’ titolu iehor ; biss meta jaghmel il-procedura tal-kanonizzazzjoni, li hi aktar dispendjuza, hu ghandu jhallas l-ispejjez differenzjali li jikkaguna lid-debitur bil-procedura aktar dispendjuza li hu jkun ghazel*.’ [Prim’Awla, **Av. Dott. Filippo Nicolo’ Buttigieg vs Paolo Grech**, deciza fil-25 ta’ April 1955, Kollez. Vol.XXXIX.ii.637]. Inghad ukoll li meta d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni, per ezempju, mill-mora fil-pagamenti tar-rati ta’ hlas ta’ dejn, hija necessarja l-awtorizzazzjoni gudizzjali ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor. Trattandosi ta’ pagamenti rateali li ma kienux qeghdin isiru regolarment l-attur ghandu nteress li jigi stabbilit l-ammont ezatt tal-kreditu bilancjali biex jevita tfixkil meta jigi biex jezigi dak l-ammont ezekuttivament. [Appell, **Calcedonio Ciantar vs Francis Grech et**, deciza fis-21 ta’ Mejju 1965, Kollaz. Vol. XLIX.i.373] ;

L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti hija ghalhekk wahda insostenibbli u qed tigi michuda ;

Fil-meritu l-attrici qed titlob il-hlas tal-manteniment li l-konvenut kien obbligat li jhallas taht il-kuntratt ghal uliedhom minuri ghax-xhur ta’ Mejju u Novembru 2008, u Frar, Settembru, Novembru, u Dicembru 2009, u tikkontendi li dan il-hlas baqghet ma rcevitux minghnd il-konvenut. Dwar il-manteniment li kellu jithallas mill-konvenut ghax-xhur ta’ Mejju u Novembru 2008, u Frar 2009, ftit hemm wiehed xi jghid. Il-konvenut jippretendi li ma jhallasx dan il-manteniment peress li kien gie lliberat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi tliet sentenzi moghtija fis-16 ta’ Lulju 2009 [Kaz. Numru 397/2008, 46/2009, 216/2009].

Ezami tad-dokumenti MS1, MS2, u MS3 a fol. 15 sa 56 tal-process jirrizulta li l-konvenut kien gie lliberat mill-akkuzi relattivi billi l-Qorti kienet sprovvista minn kopja legali u awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni, u dik il-Qorti kienet illiberatu minghajr ma dahhlet fil-kwistjoni jekk il-hlas ghal dawn ix-xhur imsemmija kienx effettivament sar jew le. Il-konvenut ma gab ebda prova li effettivament hu kien hallas dan il-manteniment, anzi' mix-xhieda ta' Josephine Cachia tal-20 ta' Ottubru 2010, jirrizulta li l-hlas ma sarx, u ghaldaqstant it-talba attrici in kwantu tirrigwarda l-hlas mitlub ghal dawn it-tliet xhur hija gustfikata ;

A rigward il-hlas li l-attrici qed titlob ghax-xhur l-ohra ta' Settembru, Novembru, u Dicembru 2009, lanqas ma jirrizulta a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal mill-atti li l-manteniment ghax-xhur ta' Settembru u Novembru 2009, kien effettivament thallas mill-konvenut. La gew esibiti c-cekkijiet li x-xhud Josephine Cachia ghamlet riferenza ghalihom u lanqas ma gie prodott bhala xhud l-Avukat Dottor Anton Refalo biex jikkonferma li l-hlasijiet li kienu saru mill-*clients' account* tieghu kienu effettivament ghal dawn ix-xaharejn partikolari. Il-konvenut kellu ferm aktar akkuzi quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn kien qed jigi akkuzat li ma kienx hallas il-manteniment ghal xhur ohra minbarra dawk li jiffurmaw il-meritu tal-kawza odjerna, u dan it-Tribunal ma jistax ikun moralment soddisfatt li anke' jekk kienu saru xi hlasijiet mill-*clients' account* tal-Avukat Dottor Anton Reflo, dawn kienu ghax-xhur taht ezami. Gie ritenut li ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. Ara Kollez. **Vol XXXII.i.525**; **Av. Dr. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli pro et noe**, App. Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; **John Cini vs Rita Camilleri**, App. Kumm, 28 ta' Lulju 1982, **Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe**, Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru 1998, **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited**, Appell Inferjuri, 24 ta' Novembru 2003. Dwar il-prova tal-pagament, huwa

risaput ukoll li '*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*' [Prim'Awla, **Azzopardi vs Cutajar**, deciza fit-30 ta' Gunju, 1982, u l-gurisprudenza hemm kwotata]. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Cassar vs Agius** deciza fis-7 ta' Lulju, 1924, qalet li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur [ara wkoll **Seychell vs Gabriele**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju, 1982; **Satariano vs Saliba**, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru, 1982; **Scicluna vs Mizzi**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Marzu 1988; u **Scicluna vs Cutajar**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2000] ;

L-ircevuta datata 23 ta' Frar 2010, esibita minn Josephine Cachia waqt ix-xhieda taghha li kopja taghha tinsab esibita bhala dokument JC3, dan il-hlas jirreferi ghall-manteniment li kien dovut ghax-xahar ta' Jannar 2010, liema xahar  mhuwiex inkluz fit-talba odjerna. Jirrizulta pero' li kienu saru zewg pagamenti ta' €350 fis-17 ta' April 2010 u ta' €349.40 fl-24 ta' April 2010, li gew depozitati fil-kont bankarju tal-attrici li ghandha mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40018842854, kif jirrizulta mid-*deposit slips* tal-Bank markati dokumenti JC1 u JC2. Ix-xhud Josephine Cachia xehedet li dawn il-pagamenti iddepozitathom hi personalment fil-kont bankarju tal-attrici, u li wiehed minnhom u cioe' dak li sar fl-24 ta' April 2010, kien ikopri l-hlas tal-manteniment ghax-xahar ta' Dicembru 2009. Meta xehedet l-attrici fuq ordni tat-Tribunal fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2010, hi spjegat li hasbet li l-hlas li kien sar f'April 2010, kien ikopri l-hlas tal-manteniment ghax-xahar ta' Jannar 2010, meta jirrizulta mill-ircevuta rilaxxata minnha stess fit-23 ta' Frar 2010, li kienet gia' rceviet il-pagament ghal dak ix-xahar, u ghalhekk il-pagament li sar fl-24 ta' April 2010, ma setghax kien hlief ghal dak li kien dovut ghax-xahar ta' Dicembru 2009. F'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Josephine Cachia hija aktar attendibbli ;

It-talba attrici ghalhekk tirrizulta gustifikata u timmerita l-akkoljiment ta' dan it-Tribunal limitatament pero' ghas-

somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin Euro (€1,747) ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut fil-meritu, jilqa’ t-talba attrici limitatament pero’ ghas-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin Euro (€1,747), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din s-somma dovuta f’arretrati ta’ hlas ta’ manteniment ghax-xhur ta’ Mejju u Novembru 2008, u Frar, Settembru u Novembru 2009, bir-rata mensili kif stabbilita fil-kuntratt ta’ separazzjoni, bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament ;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal sesta (1/6) parti mill-attrici u l-bqija ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------